MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 233/2010

**App. Numru 233/2010 DS**

**Il- Pulizija**

**v.**

**Richard Edwards**
**Matthew Catania**
**Christopher Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmija Richard Edwards, Matthew Catania u Christopher Pace talli f'dawn il-Gzejjer, nhar-is 26 ta' Marzu 2006, u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) f'Hal Luqa, nhar-il 4 ta' Marzu 2006, f'xi hin bejn in-00:30 ta' filghodu u t-8:00 ta' filghodu, ikkommettew serq ta' flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn "Magri Petrol Station," liema serq sar ghad-detriment ta' Leonard Magri minn Hal-Luqa u/jew persuni ohra;

(b) fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Leonard Magri minn Hal-Luqa, u/jew persuni ohra;

(c) f'Hal Qormi, matul il-lejl ta' bejn it-3 ta' Marzu 2006 u l-4 ta' Marzu 2006, ikkommettew serq ta' flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn "Mike's Petrol Station," liema serq sar ghad-detriment ta' Alfred Gauci minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

(d) fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Alfred Gauci minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

(e) f'Hal-Qormi, matul il-lejl ta' bejn it-3 ta' Marzu 2006 u l-4 ta' Marzu 2006, bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe` serq minn "Saliba Petrol Station," ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, ghad-detriment ta' Jesmond Saliba minn Hal-Qormi, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom;

(f) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija, saret ghad-detriment ta' Jesmond Saliba u/jew persuni ohra;

(g) fil-Mosta, nhar-is 6 ta’ Marzu 2006, ghal habta ta’ 1:54 ta’ filghodu, ikkommettew serq ta’ flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn “Autofill Petrol Station,” liema serq sar ghad-detriment ta’ Raymond Baldwin minn Naxxar u/jew persuni ohra;

(h) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Raymond Baldwin minn Naxxar u/jew persuni ohra;

(i) fil-Gzira, f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn is-16 ta’ Marzu 2006 u s-17 ta’ Marzu 2006, ikkommettew serq ta’ flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn “Falcon Service Station”, liema serq sar ghad-detriment ta’ Simon Giordmaina mill-Gzira u/jew persuni ohra;

(j) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Simon Giordmaina mill-Gzira u/jew persuni ohra;

(k) f’Hal-Qormi, f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn id-19 ta’ Marzu 2006 u l-20 ta’ Marzu 2006, ikkommettew serq ta’ flus ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-vjolenza numerika, minn “Mike’s Petrol Station,” liema serq sar ghad-detriment ta’ Saviour Gauci minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

(l) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Saviour Gauci minn Hal-Qormi u/jew persuni ohra;

(m) f’Haz-Zebbug, matul il-lejl ta’ bejn il-25 ta’ Marzu 2006 u s-26 ta’ Marzu 2006, bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe` serq minn “Automarket Service Station”,

ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija ghad-detriment ta’ Joseph Falzon minn Hal-Ghaxaq u/jew persuni ohra, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom;

(n) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Joseph Falzon minn Hal-Ghaxaq u/jew persuni ohra;

**U aktar Richard Edwards u Matthew Catania gew akkuzati wahedhom talli:**

(a) fil-Mellieha, f’xi hin bejn il-11 ta’ Frar 2006 u t-13 ta’ Frar 2006, ikkommettew serq ta’ flus minn “Santa Marija Petrol Station” ikkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, liema serq sar ghad-detriment ta’ Oscar Farrugia mill-Qrendi, u/jew persuni ohra;

(b) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Oscar Farrugia mill-Qrendi, u/jew persuni ohra;

(c) fiz-Zejtun, nhar-it 13 ta’ Frar 2006, ghall-habta tas-1:15 ta’ filghodu kkommettew serq ta’ flus minn “F.Busuttil Service Station,” ikkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, liema serq sar ghad-detriment ta’ Adrian Busuttil minn Marsaskala, u/jew persuni ohra;

(d) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta’ Adrian Busuttil minn Marsaskala, u/jew persuni ohra;

**U aktar Richard Edwards gie akkuzat wahdu talli:**

matul il-perijodu ta' bejn is-26 ta' Marzu 2006, u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta reati matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, meta b'sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, li saret definittiva u ma tistax tinbidel, kien gie kkundannat ghal perijodu ta' sentejn prigunerija liema sentenza kienet giet sospiza ghal perijodu ta' erba' snin;

kif ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**U fl-ahharnett, Christopher Pace u Matthew Catania gew akkuzati wahedhom talli:**

irrendew ruhhom recidivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabu hatja b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistarati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Mejju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti (1) fuq l-ammissjoni ta' Christopher Pace, sabitu hati skond l-akkuza u, wara li rat l-Artikoli 18, 28A, 28G, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279, 280, 281, 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkudannat lill-imsemmi Christopher Pace ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin, kif ukoll ghamlet ordni ta' supervizjoni ghall-istess perijodu; (2) fuq l-ammissjoni ta' Matthew Catania, sabitu hati skond l-akkuza u, wara li rat Artikoli 18, 28A, 28G, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279, 280, 281, 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Matthew Catania ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin, kif ukoll ghamlet ordni ta' supervizjoni ghall-istess perijodu; (3) fuq l-ammissjoni ta' Richadr Edwards, sabitu hati skond l-akkuza u, wara li rat Artikoli 18, 28A sa 28H, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 264, 265,

266, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279, 280, 281, 289, 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Richard Edwards ghal tlett (3) snin prigunerija ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu ghajr dik penultima ta' Richard Edwards wahdu u cioe` dik illi tikkoncerna sentenza sospiza, u fil-konfront ta' din is-sentenza, u cioe` l-ksur ta' din is-sentenza sospiza deciza fis-26 ta' Marzu 2006, li biha gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, dik il-Qorti rrendiet l-istess sentenza operattiva u kkundannat lill-imsemmi Richard Edwards iservi sentejn prigunerija ohra u cioe` total ta' hames (5) snin prigunerija.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Richard Edwards ipprezentat fis-27 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-appellata u tikkonferma l-htija tieghu, izda taghti sentenza aktar gusta u ekwa;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta' Gunju 2010 fejn talab lil din l- Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1) tikkonfermaha f'dik il- parti taghha fejn sabet lill-imputati appellati kollha hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom;

2) tikkonfermaha f'dik il-parti koncernanti l-piena fir-rigward tal-impuat appellat Richard Edwards fejn tikkoncerna piena relattiva ghall- imputazzjoni li kkommetta r-reati de quo matul il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza deciza fis-26 ta' Marzu 2006 li biha gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba` snin u fejn il-Qorti tal- Magistrati (Malta) irrendiet dik is-sentenza ta' prigunerija sospiza precedenti bhala sentenza ta' prigunerija ta' sentejn effettivi u skontabbli millistess imputat b' effett immedjat;

3) thassar dik il-parti tas-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputati individwalment limitatament f'dik il-parti li ghandha x'taqsam mal- piena inflitta kontrihom (hlief ghal dik il-parti mill-piena inflitta fil-konfront ta' Richard Edwards imsemmija fit-talba 2);

4) minflok tghaddi biex teroga l-piena idoneja kontra l-appellati kollha individwalment skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Huwa opportun illi jigi kkunsidrat fl-ewwel lok l-appell ta' l-Avukat Generali. L-aggravji tieghu huma fil-qosor is-segwenti: (1) li fir-rigward ta' l-appellati Pace u Catania l-ewwel Qorti ma setghetx taghti sentenza sospiza ta' prigunerija stante li dawn instabu hatja ta' l-addebitu ta' recidiva skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9; (2) li fir-rigward ta' l-appellat Pace l-anqas piena applikabbli hija ta' 29 xahar prigunerija u dik ta' l-appellat Catania tmienja u tletin xahar u nofs, u ghalhekk ma jistghux jibbenefikaw mill-artikolu 28A tal-Kap. 9, filwaqt illi fir-rigward ta' l-appellat Edwards lanqas piena applikabbli hija wkoll ta' tmienja u tletin xahar u nofs u ghalhekk il-piena nflitta fuqu kienet taht il-minimu; (3) li l-piena nflitta fir-rigward tat-tliet appellati kienet miti wisq.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-Avukat Generali korrettement jghid illi skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **"meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50"** tal-Kap. 9, ma jistax isir ordni taht is-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 28A li bih sentenza ta' prigunerija tigi sospiza. Issa, biex persuna titqies recidiva skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9, trid tkun diga` skontat il-piena fit-termini ta' l-imsemmi artikolu. Fil-fatt l-artikolu 50 jipprovdi: **"Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin <u>minn dak in-nhar li tkun skontat</u> jew tkun giet mahfura <u>l-piena</u>, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz kemm ta’ l-appellat Matthew Catania kif ukoll ta’ l-appellat Christopher Pace, is-sentenzi li dwarhom qieghed jigi allegat li saru recidivi fit-termini ta’ l-artikolu 50 tal-Kap. 9 huma dawk li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-1 ta’ Marzu 2006 li permezz taghhom gew ikkundannati multa ta’ Lm1,000 kull wiehed. Huwa minnu li meta l-appellati Catania u Pace ammettew – u dan kemm fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2006 (a fol. 96) kif ukoll fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru 2007 (a fol. 446) – huma ammettew inkondizzjonatament. Pero` jirrizulta lil din il-Qorti mir-rapporti esebiti mir-Registratur, illi l-multi mposti b’dawk iz-zewg sentenzi ghadhom mhux imhallsa u dan ghalhekk ifisser li l-piena mhijiex “skontata”. Ifisser ukoll li setghu jinstabu hatja biss talli saru recidivi skond l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Kwindi jekk il-*quantum* tal-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet korretta, dik il-Qorti setghet tissospendi l-esekuzzjoni immedjata tas-sentenzi ta’ prigunerija minnha mposti.

It-tieni aggravju jirrigwarda precizament il-*quantum* tal-piena. Skond l-Avukat Generali, wara li applika l-artikolu 17(b) u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkonkluda li l-anqas piena li seta’ jehel Christopher Pace kienet ta’ 29 xahar prigunerija filwaqt illi l-anqas piena li setghu jehlu Matthew Catania u Richard Edwards kienet ta’ 38.06 xahar kull wiehed.

Issa, l-appellati gew akkuzati b’sensiela ta’ serqiet minn *petrol stations* u hsara volontarja fl-istess. Filwaqt illi l-Avukat Generali applika korrettement l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, il-mod kif applika l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 huwa skorrett. Difatti l-Avukat Generali jidher li nesa li meta ccita l-artikoli li tahthom dehrlu li setghet tinsab htija (jew htijiet) fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tat-8 ta’ Mejju 2008, huwa ccita l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jipprovdi: **“Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista’ tizdied minn grad sa zewg gradi.”** Mela, nonostante n-

numru ta’ serqiet u tentattivi ta’ serq kommessi, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 dawn ghandhom jitqiesu bhala reat wiehed.

L-imputazzjonijiet (a), (c), (e), (g), (i), (k) u (m) dedotti kontra t-tliet appellati kollha jirreferu ghal serq jew tentattiv ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz, hin, valur li ma jeccedix l-Lm1,000 u vjolenza numerika, filwaqt illi kontra l-appellati Edwards u Catania hemm dedotti zewg imputazzjonijiet ohra ta’ serq bl-istess kwalifiki hlief dik tal-vjolenza numerika.

Skond is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 280 tal-Kap. 9: **“Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-‘valur’, ikun akkumpanjat ukoll bil-kwalifika tal-‘vjolenza’ jew tal-‘mezz’, jew bit-tnejn, ghandha tinghata l-piena li hemm ghas-serq akkumpanjat b’dawk il-kwalifiki: Izda, jekk din il-piena tkun anqas mill-pieni msemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, ghandhom jinghataw dawn l-ahhar pieni mizjuda bi grad.”** Fl-imputazzjonijiet kollha attribwiti lill-appellati, is-serq ma kienx aktar minn elf liri Maltin, ossia llum elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Skond il-paragrafu (a) ta’ l-artikolu 279 tal-Kap. 9, jekk il-valur tal-haga misruqa ma jkunx izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) il-piena ta’ prigunerija hi ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin. Jigifieri kieku kellu japplika l-*proviso* tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 280 imsemmi, din il-piena tizdied bi grad ghal dik ta’ prigunerija minn seba’ xhur sa erba’ snin. Din, pero` tirrapprezenta piena anqas minn dik applikabbli fejn is-serq huwa akkompanjat bil-kwalifiki tal-vjolenza u tal-mezz.

F’dan il-kaz ghalhekk huma applikabbli l-artikoli 276 u 277(b) kif hawn taht riprodotti:

**“276. Il-hati ta’ serq ikkwalifikat bil-‘vjolenza’, izda li ma jsirx flimkien ma’ xi wahda mic-cirkostanzi**

**msemmijin fl-artikoli 272, 273, 274 u 275, jehel il-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn disa’ xhur sa tliet snin.**

**“277. Meta s-serq ikkwalifikat bil-‘vjolenza’ skond l-artikoli 274, 275 jew 276, ikun akkumpanjat b’wahda jew izjed mill-kwalifiki l-ohra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel -**
**…**
**(b) jekk dan is-serq ikun akkumpanjat bil-kwalifika tal-‘mezz’, sew jekk ma’ kwalifiki ohra kemm minghajrhom, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A mizjuda bi grad jew tnejn.”**

Il-piena applikabbli hija ghaldaqstant dik ta’ prigunerija minn disa’ xhur sa tliet snin u li tizdied bi grad ghal prigunerija minn tlettax-il xahar sa hames snin jew b’zewg gradi ghal prigunerija minn tmintax-il xahar sa sitt snin. Jekk il-Qorti ma tapplikax l-artikolu 18 tal-Kap. 9 – peress li hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti tapplikax iz-zidiet fil-piena hemm kontemplati – m’hemmx dubju li l-pieni nflitti mill-ewwel Qorti fil-konfront tat-tliet appellati huma fil-parametri tal-ligi. Anke kieku l-Qorti kellha tapplika l-artikolu 18 u zzid il-pieni ta’ l-appellati Pace u Catania bi grad, xorta l-ewwel Qorti setghet tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza peress illi minn minimu ta’ tmintax-il xahar il-piena kienet titla’ ghal minimu ta’ sentejn. Fir-rigward ta’ l-appellat Edwards imbaghad, li l-Qorti sejra issa tittratta l-appell tieghu, zieda ta’ zewg gradi minn piena minima ta’ tmintax-il xahar kienet titla’ ghal tliet snin, precizament skond kif iddisponiet l-ewwel Qorti.

Permezz ta’ l-ahhar aggravju tieghu l-Avukat Generali jilmenta li l-pieni nflitti fuq it-tliet appellati kienu miti wisq. Difatti huwa jibbaza dan l-ilment fuq il-fatt li l-ewwel Qorti jmissha ziedet il-piena in vista ta’ l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18, 49 u 50 tal-Kap. 9 fil-konfront ta’ l-appellati kollha u l-artikolu 289 tal-Kap. 9 ukoll fil-konfront ta’ l-appellat Richards.

Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 50 tal-Kap. 9 din il-Qorti diga` osservat kif dan l-artikolu ma kienx u mhuwiex applikabbli fil-konfront ta’ l-appellati Pace u Catania. Minn

ezami ta’ l-atti jkollha tikkonkludi wkoll li lanqas ma huwa applikabbli fil-konfront ta’ l-appellat Edwards. Is-sentenza li giet prodotta mill-prosekuzzjoni biex tipprova r-recidiva hija dik li tinsab a fol. 337 sa 339 li hija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-4 ta’ Lulju 2005 li permezz taghha l-appellat Richards gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin. Jigifieri meta sehhew ir-reati addebitati lill-appellat Richards, huwa kien ghadu ma “skontax” dik is-sentenza ghax il-perijodu operattiv kien ghadu ma skorriex. Fil-fatt l-artikolu 28F tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi: **“Meta l-qorti tkun qeghda tittratta ma’ hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza, hija ghandha tqisu bhala recidiv fit-tifsir ta’ l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat l-iehor, izda l-piena moghtija fis-sentenza sospiza ma ghandhiex titqies ghall-finijiet ta’ l-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx giet skontata jew mahfura.”**

Kwantu mbaghad l-artikolu 289 tal-Kap. 9, huwa wkoll fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tapplikahiex jew le. L-ewwel Qorti fil-fatt ikkunsidrat li f’dan il-kaz “it-tliet imputati fil-mori tal-kawza hallsu somom ta’ flus konsiderevoli biex ipattu u jikkumpensaw ghas-sensiela ta’ serq illi huma wettqu”. Dan apparti l-ammissjoni ta’ l-appellati kollha, u fil-kaz ta’ Pace u Catania ammissjoni bikrija.

Ghaldaqstant l-appell ta’ l-Avukat Generali qieghed jigi michud. B’danakollu, in vista tal-fatt li kemm l-appellat Pace kif ukoll l-appellat Catania jinsabu taht ordni ta’ supervizjoni, u wiehed mill-kondizzjonijiet fl-ordni ta’ supervizjoni hu li joqoghdu ghad-direttivi kollha tas-*supervising officer* taghhom, din il-Qorti trid li fost tali direttivi jkun hemm li minn zmien ghal zmien jittiehdu *urine samples* lill-imsemmijin Pace u Catania sabiex isiru t-testijiet appoziti biex jigi determinat jekk ikunx qieghed isir uzu ta’ sustanzi illegali. Ghalhekk din il-Qorti sejra tordna li din is-sentenza tigi notifikata minnufih lill-Ufficjal Principali tal-Probation biex dan jigi mgharraf lis-

*supervising officers* taghhom. Kull darba li jsiru tali testijiet, ir-rizultat irid jingab a konjizzjoni ta' din il-Qorti.

Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-appell ta' Richard Edwards li jirrigwarda l-piena nflitta fuqu. Jilmenta dwar il-fatt li min kienu ko-imputati mieghu nghataw sentenzi iqsar ta' prigunerija. Jghid li l-unika differenza kienet li huwa ammetta fi stadju finali tal-process. Skond l-appellant, pero`, l-ewwel Qorti kienet taf li dan kien ghax huwa kellu jhallas parti mill-hsarat u serq ta' flus, u s-somma ssellfet mill-*partner* tieghu mill-bank. Jghid li kieku ammetta fil-bidu tal-proceduri, ma kienx ikun f'pozizzjoni li jissellef is-somma necessarja.

L-appellant jissottometti wkoll illi t-trapass taz-zmien ghen sabiex juri lill-Qorti li rega' qabad it-triq it-tajba fis-sens li matul l-ahhar erba' snin ma kellux kaz iehor. Jghid li ghandu relazzjoni stabbli u ghandu xoghol, Fl-ahharnett l-appellant jghid illi jixtieq jibda hajja gdida stante li ghandu familja u recentement twelditlu tifla. “B'hekk”, ikompli jghid l-appellant, “irid li jirrispondi ghal ghemilu u mbaghad jibda l-hajja normali tieghu. Hu ghandu jaghmel il-perijodu ta' prigunerija tali kiser is-sentenza sospiza, izda jixtieq li jkollu sentenza anqas minn dak moghti lilu u sentenza li tkun ugwali mal-ko-akkuzati l-ohra.”

Din il-Qorti tibda biex tghid li fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati, meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuz appell mill-piena sakemm din tidhol fil-parametri prefissi mil-ligi. Dan ghaliex min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilta` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Dan ma jfissirx, pero`, illi f'kull kaz din il-Qorti u Qrati ohra ta' l-appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le. *Multo magis* meta, bhal fil-kaz odjern, si tratta ta' disparita` fil-piena moghtija lil persuni akkuzati bl-istess reati, fl-istess process, u bis-sentenza fil-konfront taghhom moghtija mill-istess Qorti.

Dwar il-kwistjoni ta’ disparita` f’sentenzi, il-Qrati Inglizi kellhom okkazjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-gurisprudenza wiehed jista’ jislet certi linji ta’ gwida. F’*Blackstone’s Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

“A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal’s view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, ‘The appellant’s proposition is that where you have one wrong sentence and one right sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept’. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example, *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender’s sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.

“Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an

appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with ‘an understandable and burning sense of grievance’ (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:

“There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences.”

Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

“Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: ‘would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?’ (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored

in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."

Issa, b'referenza ghal dak li jghid l-appellant li kieku ammetta fil-bidu tal-proceduri, ma kienx ikun f'pozizzjoni li jissellef is-somma necessarja, dan l-argument fil-fehma ta' din il-Qorti ma jaghmilx sens. Il-ko-imputati l-ohra ammettew fi stadju bikri u xorta hallsu biss lejn l-ahhar tal-process. Fil-fatt huma hallsu fil-15 ta' Ottubru 2009 filwaqt illi Richard Edwards hallas fil-25 ta' Novembru 2009. Naturalment, bhalma ntqal fl-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Godfrey Bartolo** deciz fl-14 ta' Novembru 2002, "filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-process jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, m'ghandux jigi penalizzat jekk ma jammettix."

Huwa car, pero`, illi l-ewwel Qorti applikat sentenzi differenti fil-konfront tat-tliet ko-imputati – tmintax-il xahar prigunerija fil-konfront ta' Christopher Pace u li gew sospizi ghal tliet snin, sentejn prigunerija fil-konfront ta' Matthew Catania u li gew sospizi wkoll ghal tliet snin, u tliet snin prigunerija effettivi fil-konfront ta' Richard Edwards – konxjament wara li hadet in konsiderazzjoni "d-differenza fil-fedini penali ta' l-imputati, l-istadju bikri ta' l-ammissjoni fil-kaz ta' l-imputati Christopher Pace u Matthew Catania ghad-differenza ta' Richard Edwards, il-fatt illi t-tliet imputati raddu lura dak kollu illi serqu u kkompensaw ghal hsarat illi wettqu u l-fatt ewlieni illi Richard Edwards kien il-mohh wara s-sensiela ta' dawn is-serqiet u dan gie ammess biss wara li sarlu interrogatorju intensiv fuq il-pedana tax-xhieda."

Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda ta' Richard Edwards tat-3 ta' Dicembru 2008 kif ukoll l-istqarrijiet li ghamel lill-Pulizija. Fil-fatt l-imsemmi Edwards fix-xiehda tieghu waqt l-ezami jghid li hu ma kienx "il-percimes", izda mbaghad

jispicca jikkonferma l-istqarrijiet tieghu mnejn johrog car li kien hu li hajjar lil haddiehor biex imur jisraq mieghu, u kien hu li kien jisgassa s-*safes* tal-pompi. L-ewwel Qorti kienet cara meta ddeskriviet x'kien il-"fatt ewlieni" li wassalha ghad-decizjoni taghha.

L-appellant jghid illi matul l-ahhar erba' snin ma kellux kaz iehor. Kaz iehor ta' serq ma kellux. Izda mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li, minbarra sentenzi li jirreferu ghal perijodi antecedenti dak in ezami, inghataw zewg sentenzi li jirreferu ghal zminijiet aktar recenti. Dawn huma sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Jannar 2009 li permezz taghha nstab hati ta' ksur tal-bon ordni jew kwiet tal-pubbliku fil-21 ta' Lulju 2008 u gie kkundannat ammenda ta' €58, u sentenza ohra tas-16 ta' Gunju 2009 li permezz taghha nstab hati li bejn l-14 u l-15 ta' Gunju 2009 ikkaguna lil certu Adam Griffin biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu, li permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel reat, u li nsulenta u hedded lil Adam Griffin, u li dwarhom gie ordnat li jintrabat b'garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kap. 9 ghal zmien sena taht penali ta' €300 li ma jimmolestax lill-familja Griffin. Li jirrizulta mbaghad hu li b'sentenza ohra ta' l-1 ta' Dicembru 2009 inghata sentenza sospiza ta' prigunerija dwar numru ta' serqiet li sehhew fl-2005.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, jasal zmien meta l-Qrati ma jistghux jibqghu jkunu manjanimi ma' min jikser il-ligi ripetutament. Fortunatament l-appellant jirrikonoxxi illi ghandu jservi perijodu effettiv ta' prigunerija, ghalkemm jitlob li dan ikun biss tal-perijodu li kien inghata bis-sentenza sospiza ta' l-4 ta' Lulju 2005. Dan mhuwiex possibbli peress illi l-kaz li dwaru kien inghata dik is-sentenza sospiza kien jirrigwarda frodi b'ghemil qarrieqi, ricettazzjoni u serq ikkwalifikat f'Lulju 2000. Proprju madwar xahar qabel ma nghata dik is-sentenza sospiza, ikkommetta sensiela ta' serqiet f'Gunju 2005 u li dwarhom ukoll inghata sentenza sospiza ta' prigunerija, kif inghad, fl-1 ta' Dicembru 2009, imbaghad sensiela ohra ta' serqiet f'Marzu 2006 li dwarhom gie kkundannat tliet snin prigunerija.

Is-sentenza sospiza hi utili minhabba l-effett deterrent taghha. Izda meta ma jkollhiex tali effett u persuna tikkommetti reati ohra, *multo magis* jekk ir-reati jkunu ta' l-istess xorta, il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra hlief li ggib fis-sehh tali sentenza sospiza ta' prigunerija.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-appell ta' Richard Edwards qieghed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell kemm ta' l-Avukat Generali kif ukoll dak ta' Richard Edwards u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Ufficjal Principali tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------